

Brussell, 1 ta' Lulju 2026
(OR. en)

8880/26

Fajls Interistituzzjonali:
2026/0076 (NLE)
2026/0077 (NLE)

RECH 205
COASI 76

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7599/26 + ADD 1; 7601/26 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni - Adozzjoni DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Ġappun għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġappun fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Ġappun ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027).¹

¹ ĠU L 144, 5.6.2023, p. 58–59.

2. Wara l-konklużjonijiet tan-negozjati mal-Ġappun, fit-23 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni preżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni², flimkien mat-test tal-Ftehim bħala addendum għall-proposta, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dak il-ftehim.³
3. Il-proposti tal-Kummissjoni ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Marzu 2026, u mill-Grupp ta' Ħidma COASI, fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' April 2026. Wara konsultazzjoni bil-miktub li ntemmet fl-1 ta' April 2026, id-delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qablu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, inkluż it-test tal-Ftehim, u dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni.
4. Il-ġuristi lingwisti vverifikaw u ffinalizzaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, il-Ftehim innifsu u l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fid-dokumenti 8279/26, 8285/26 u 8286/26 rispettivament.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja kif tinsab fid-dokument 8279/26 u jiddeċiedi li jinforma lill-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE;
 - jipprovdi ftehim fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 8286/26 u jiddeċiedi li jippreżentah lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni, flimkien mat-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 8285/26, wara li jiġi ffirmat il-Ftehim.

² 7599/26 + ADD1.

³ 7601/26 + ADD1.